**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 368/2012**

**Illum: 27 ta' Marzu 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Noel Borg**
**(ID 34079(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Noel Borg ta' 33 sena, bin il-mejjet John u Josephine nee` Abela, imwieled il-Pieta` nhar it-2 ta' Jannar 1979, residenti 151, Triq Santa Marija, Żejtun u detentur tal-karta tal-identita` numru 34079(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-15 ta' April 2012 u fil-ġranet ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif

provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer fil-15 ta' April 2012 u fis-sena ta' qabel din id-data:

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) U aktar talli b'hekk irrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fl-ewwel seduta tal-11 ta' Diċembru 2012, l-imputat irreġistra ammissjoni dwar l-imputazzjoni (b) ossia dik li tirreferi għall-pussess 'sempliċi' tal-eroina, fil-waqt illi kkontesta l-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, b'dan illi

stante illi x-xhieda ta' Horace Borg, ħu l-imputat ma ġietx traskritta, reġa' nstema' dan ix-xhud;

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-15 ta' Diċembru 2015, li permezz tiegħu, fuq talba tad-difiża tat-22 ta' April 2015, assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ukoll in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga tat-30 ta' Marzu 2017, li permezz tagħha l-Qorti ġiet informata illi l-imputat aċċetta li jsegwi d-direttivi kollha tal-Bord u illi jidher li t-trattament ta riżultat pożittiv u għaldaqstant, il-Bord bagħat lura l-każ odjern lil din il-Qorti sabiex tiddisponi minnu skont il-liġi;

Rat ukoll illi bħala kawżi li jiġu reġistrati fuq is-sistema tal-*case management* tal-Qorti, din hija l-unika kawża pendenti li għandu l-imputat;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar il-15 ta' April 2012, wara informazzjoni li rċeviet il-pulizija u dan fis-sens illi l-imputat kien qed ibiegħ id-droga ġewwa l-pjazza taż-Żejtun, waqt ronda ġewwa ż-Żejtun, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga ossia PS 891 Oscar Baldacchino u PC 364 David Borg, flimkien ma' WPC 23 innutaw lill-imputat odjern miexi fit-triq, fit-Triq San Pawl, fid-direzzjoni lejn il-pjazza u hemmhekk marru fuqu sabiex jagħmlulu tfittxija. Madankollu, hekk kif huma identifikaw ruħhom bħala pulizija, l-imputat telaq jiġri u fil-waqt illi l-imsemmija pulizija kienu qegħdin jiġru warajh biex iwaqqafuh, huwa ttajjar minn vettura. Ġiet imsejjħa assistenza medika fuq il-post, iżda dak il-ħin, l-imputat irrifjuta li jmur l-isptar. Ukoll fuq il-post, saret tfittxija fuq l-istess imputat minn PC 364 David Borg u fil-but tal-qalziet tiegħu nstabu tmien *sachets* li kienu jikkontjenu sustanza suspettata eroina, s-somma ta' €55 u *mobile phone* tad-ditta Samsung.[1] Dawn l-oġġetti jidhru lkoll fir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PC 637 Kevin Manicolo.[2] Saret ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputat, liema tfittxija rriżultat fin-negattiv. L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar il-25 ta' April 2012 u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll il-jedd li jikkonsulta

[1] Ara x-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino, a fol. 47 sa 53 tal-proċess u x-xhieda ta' PC 364 David Borg, a fol. 54 sa 59 tal-proċess.
[2] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 16 tal-proċess.

ma' avukat qabel l-interrogatorju tiegħu, liema jedd huwa għażel li ma jeżerċitahx.[3]

Skont ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, maħtur fil-mori tal-inkjesta li sar dwar dan il-każ, huwa ngħata dokument wieħed għall-analiżi tiegħu ossia *evidence bag* li kien fih: 1) borża tal-plastik trasparenti li fiha: i) karta bil-kliem 'Data: 15/04/2012 Hin: 6.00pm Elevat/i minn ġol-but tal-Jeans tiegħu fil-preżenza ta' Noel Borg I.D. 34079(M) minn PS 891, PC 346, PC 1213 ii) 8 biċċiet tal-plastik li kien fihom trab ta' lewn kannella; 2) Borża tal-plastik trasparenti li fiha: i) karta bil-kliem Data: 15/04/2012 Hin: 7.15pm Elevat/i minn ġol-vettura Daihatsu Terios Reg. No. HAW 912 minn ġo ashtray fil-preżenza ta' Noel Borg I.D. 34079(M) minn PS 891, PC 346; ii) joint.

Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda bil-mod segwenti:

a) Fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella fl-istess dokument, instabet is-sustanza eroina. Il-piż tat-trab kien ta' 0.96 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 23%. Din is-sustanza hija kkontrollata taħt Taqsima I tal-Ewwel Skeda, tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Fuq estratt meħud mill-*joint* fl-istess dokument, instabet is-sustanza eroina u kokaina. Dawn is-sustanzi huma kkontrollati bil-liġi taħt Taqsima I tal-Ewwel Skeda, tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi f'dan il-każ l-imputat qed jiġi akkużat, permezz tal-ewwel imputazzjoni, bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina u dan b'referenza għall-15 ta' April 2012 u l-ġranet ta' qabel din id-data, u permezz tat-tieni imputazzjoni, bir-reat ta' pussess 'sempliċi' tal-istess droga u dan b'referenza għall-istess jum, kif ukoll għas-sena ta' qabel. Kif ingħad, iżjed 'il fuq, l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u għalhekk dak li qed jikkontesta l-istess imputat f'dan il-każ, m'huwiex il-pussess tad-droga eroina fil-jum in kwistjoni, iżda l-aggravanti tal-istess, b'dan għalhekk illi l-imputat qed jikkontendi illi d-droga misjuba fil-pussess tiegħu kienet intiża biss għall-użu personali tiegħu. Fil-fatt m'hemmx dubju mix-xhieda taż-żewġ uffiċjali tal-pulizija li għamlu t-tfittxija fuq l-imputat fil-jum in kwistjoni, illi huwa kien fil-pussess tad-droga eroina. Dak li jeħtieġ li jiġi determinat minn din il-Qorti, għalhekk, huwa jekk jirriżulax fil-grad rikjest mil-liġi, illi tali pussess ma kienx intiż għall-użu esklussiv tal-imputat, kif qegħda tallega l-Prosekuzzjoni, jew inkella jekk jirriżultax, tal-inqas sal-grad tal-probabbli, illi dak il-pussess kien wieħed għall-użu personali tal-pussessur.

[3] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 43 sa 45 tal-proċess.

Illi l-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar il-25 ta'April 2012. Kif ingħad, qabel l-interrogatorju tiegħu, l-imputat ingħata s-solita twissija skont il-liġi u anke d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Madankollu, huwa ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju, u dan stante illi dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt tali dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu.

Imbagħad, fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

F'dan il-każ, għalkemm id-difiża għamlet referenza għall-istqarrija tal-imputat fit-trattazzjoni finali tagħha, anke jekk f'dan ir-rigward irid jingħad ukoll illi din it-trattazzjoni saret fit-12 ta' Frar 2018 u allura qabel ma ngħataw is-sentenzi fuq ċitati, din il-Qorti jidhrilha illi għalkemm fl-istqarrija tiegħu, l-imputat sostna li d-droga misjuba fil-pussess tiegħu kienet għall-użu personali tiegħu,

biss fiha għamel dikjarazzjonijiet li fil-fehma tal-Qorti jistgħu jitqiesu bħala inkriminanti, b'tali mod illi kemm il-darba l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni din l-istqarrija, allura din sejra definittivament ikollha impatt fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri u għalhekk fuq l-eżitu tal-istess. Għaldaqstant, fit-termini tas-sentenzi fuq ċitati u anke fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti qed tqis tali stqarrija bħala inammissibbli u qed tiskarta wkoll, bħala inammissibbli, kwalunkwe referenza għal tali stqarrija.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Dwar ir-reat ta' pussess tad-droga f'ċirkostanzi li juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tal-pussessur, kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed.*" U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli*".

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

“ *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta’ droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma’ uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b’applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*”

Skartata l-istqarrija tal-imputat, il-provi rimanenti jikkonsisti fis-sejba ta’ tmien boroż tal-plastik bl-eroina fil-pussess tal-imputat. Għalkemm jirriżulta kemm mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll mill-atti tal-inkjesta illi fil-pussess tiegħu nstab ukoll *mobile phone* u li dan ġie elevat, il-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju ma talbet illi ssir analiżi tiegħu u għalhekk dan ma jżid xejn mal-provi prodotti. Jirriżulta wkoll illi mill-pussess tal-imputat ġiet elevata s-somma ta’ €55, liema somma madankollu, jidher li ġiet rilaxxjata lil Horace Borg, ossia ħu l-imputat. Fil-fatt fix-xhieda tiegħu, Borg jgħid illi meta seħħ il-każ odjern, bagħat għalih l-Ispettur Malcolm Bondin u ċioe` l-Uffiċjal Prosekutur, li staqsieh jekk kinux taw xi flus lill-imputat u dan b’referenza għalih u għal ommu. Huwa jgħid illi kien wieġbu fl-affermattiv u li dakinhar l-Ispettur kien tah xi flus lura – “*Nahseb kien hemm tieghi u xi haga tal-mummy. Bejn 60 Euro xi haga hekk. 55 jew 60 Euro, dak l-ilma*”[4] u dan wara li kkonferma wkoll illi dawn kienu flus li kienu tawh in parte ommu u in parte hu.[5] La darba dawn il-flus ingħataw lura lill-ħu l-imputat, il-Qorti qed tifhem illi l-Prosekuzzjoni lanqas qegħda tallega illi dawn il-flus kienu ġejjin mill-bejgħ tad-droga, minkejja li kif jixhed l-istess Horace Borg, l-imputat kien diżokkupat u effettivament lanqas seta’ jaħdem minħabba li kien sofra xi ġrieħi f’għajnejh.

Tqis ukoll illi mill-atti jirriżulta illi fiż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kien dipendenti fuq id-droga eroina, tant illi din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta’ Qorti dwar id-Droga, wara l-provi mressqa mid-difiża f’dan ir-rigward. Mix-xhieda ta’ Dr. Moses Camilleri, jirriżulta illi l-imputat beda jieħu l-*methadone* mis-sena 1997, wara li rriżultalu li anke dak iż-żmien l-imputat diġa` kellu problema pjuttost serja ta’ użu ta’ droga. Sa dakinhar tax-xhieda tiegħu, ossia fis-17 ta’ Lulju 2015, l-imputat kien għadu f’kuntatt max-xhud b’mod regolari u għalkemm kien hemm perjodi, tal-inqas tnejn, li fihom l-imputat ma attendiex għall-kura tal-*methadone* għal sentejn sħaħ f’kull perjodu, biss wara li kien ilu sentejn nieqes mis-servizz, fis-sena 2010 reġa’ talab l-għajnuna u sa dakinhar tax-xhieda, baqa’ jattendi b’mod regolari. Minn Ġunju 2014 ‘il quddiem, imbagħad, l-imputat beda jħalli kampjuni tal-urina nodfa minn sustanzi illeċiti. Skont ħu l-imputat, Horace Borg, l-imputat kien ilu żmien twil jagħmel użu mid-droga u dan b’mod partikolari wara li miet missierhom fis-sena 2001.

---

[4] A fol. 87 tal-proċess.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 80 sa 92 tal-proċess.

Il-Qorti tqis illi l-fatt illi l-imputat instab fil-pussess ta' tmien boroż tal-plastik kontenenti l-eroina, maqsumin f'piżijiet tassew simili, ossia 0.09 grammi, 0.17 grammi, 0.12 grammi, 0.10 grammi, 0.20 grammi, 0.10 grammi, 0.09 grammi u 0.09 grammi, fil-waqt illi kien miexi fit-triq u għalhekk barra minn daru, huma ċirkostanzi li ċertament iqanqlu suspett serju li l-pussess ta' tali droga ma kienx għall-użu esklussiv tal-istess imputat. Biss mill-banda l-oħra, għalkemm la darba skartata l-istqarrija tal-imputat, ma jirriżultax l-ammont ta' droga eroina li huwa kien jikkonsma fiż-żmien in kwistjoni, jirriżulta ċar mir-rimanenti provi illi l-imputat kien dipendenti fuq tali droga fl-istess żmien u illi kien ilu hekk dipendenti għal diversi snin. Veru illi dak iż-żmien huwa kien ukoll jieħu l-*methadone* bħala sostitut għad-droga, iżda huwa risaput ukoll illi bosta persuni li jagħmlu użu mid-droga xorta waħda jikkunsmaw l-eroina fil-waqt illi jkunu fuq il-*methadone*. Mhux biss, iżda tenut kont tal-fatt illi l-imputat kien ilu jikkonsma l-eroina għal snin twal, il-piż totali tat-trab fil-pussess tiegħu ma kienx xi ammont li neċessarjament jeskludi pussess għall-użu personali. Fiċ-ċirkostanzi, meta wieħed iqis illi għajr għad-droga, ma nstab xejn iżjed illi jista' jindika l-pussess aggravat tal-istess, il-Qorti għandha dak il-*lurking doubt* li għandu neċessarjament imur favur l-imputat, b'dan għalhekk illi l-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

Finalment, permezz tal-imputazzjoni (ċ), l-imputat ġie akkużat ukoll bir-reċidiva. Biss il-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebiet l-ebda sentenza in sostenn ta' dan. Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirriżultax ippruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Għal fini ta' piena dwar l-imputazzjoni (b), il-Qorti qed tqis min-naħa l-waħda, il-fedina penali tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern, liema fedina penali tikkonsisti f'kundanni dwar serq sempliċi, pussess 'sempliċi' ta' droga eroina f'żewġ okkażżjonijiet, pussess aggravat tad-droga eroina ukoll f'żewġ okkażżjonijiet u traffikar tal-istess droga, dwar liema huwa ngħata liberazzjoni kundizzjonata, pieni pekunjarji, Ordni ta' *Probation* u piena ta' priġunerija effettiva f'żewġ okkażżjonijiet.

Qieset ukoll il-piż ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat u illi l-imputazzjoni (b), dwar liema l-imputat irreġistra ammissjoni, tirreferi kemm għall-jum in kwistjoni, kif ukoll għas-sena ta' qabel din id-data.

Ikkunsidrat ukoll illi l-imputat irreġistra ammissjoni bikrija fir-rigward tal-imputazzjoni li qed jinstab ħati tagħha, kif ukoll illi minn dakinhar tal-każ l-imputat irrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga eroina, kif jirriżulta ċar mir-

rapporti li ntbagħtu lill-Qorti perjodikament mill-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga. Kif ingħad iżjed 'il fuq, skont l-aħħar nota tal-Bord tat-30 ta' Marzu 2017, it-trattament li ngħata l-imputat ta riżultat posittiv u min-nota preċedenti tal-istess Bord tal-24 ta' Jannar 2017, jirriżulta illi l-Bord kien sodisfatt li t-trattament tal-imputat seta' jieqaf għax kien ilu żmien il-bogħod mid-droga.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (ċ) kif dedotti kontra tiegħu u qed tilliberah minnhom, iżda fuq ammissjoni, qed issibu ħati tal-imputazzjoni (b) u tikkundannah għall-piena ta' multa ta' seba' mija u ħamsin ewro (€750) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50) bl-ewwel pagament isir fiż-żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mitejn, tnejn u sittin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€262.26) u l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PC 637 Kevin Manicolo, ammontanti għas-somma ta' sitta u għoxrin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€26.18), liema spejjeż b'kollox jammontaw għas-somma ta' mitejn, tmienja u tmenin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€288.44). Tali spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sena mil-lum.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* tad-ditta Samsung, esebit in atti, favur il-ħati.

In oltre tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita in atti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat